MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 332/2006

**A B**

**-vs-**

**Avukat Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet ta' l-erbgħa (4) ta' Settembru, elfejn u sitta (2006), ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2006 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi fit-tnejn u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (22/09/2001) ġie ċċelebrat iż-żwieġ bejn A E u C B, fil-knisja ta' San Filep, Żebbug [Malta], liema żwieġ ġie reġistrat fir-reġistru pubbliku permezz ta' l-att taż-żwieġ numru ____/__, hawn anness bħala Dok. JB1;

2. Illi l-ħajja konjugali ġiet resa mpossibbli minħabba vjolenza, sevizzi gravi, inġurji u moħqrija kommessi da parti tal-konvenut u inkompatibbilta' ta' karattru.

3. Illi miż-żwieġ twieldet tifla ossia D ta' 3 snin;

4. Illi l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 19 ta' Settembru 2006 bin-numru 1395/06 hawn anness bħala Dok. JB 2;

Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Takkorda lill-attriċi l-kura u kustodja tat-tifla minuri D.

3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bħala manteniment mill-konvenut lill-attriċi għaliha u għat-tifla tagħha minuri.

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Ċivili.

5. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenajti waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenut f'każ ta' bżonn.

7. Tawtorizza lill-konvenuta (*recte:* attriċi) sabiex tirriverti għal kunjom ta' xbubita, u ċioe' E.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati ppreżentata fil-15 ta’ Frar 2007 li permezz tagħha esponew:

1. Illi l-eċċipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu r-risposta tagħhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw ma’ l-assenti C B;

2. Illi għal dan l-iskop, kitbu lill-avukat ta’ l-attriċi sabiex jingħataw kull informazzjoni nkluż indirizz ta’ l-assenti jew ta’ familjari tiegħu;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta’ l-attriċi u tal-konvenut assenti;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Frar 2008 li permezz tiegħu l-attriċi rrinunzjat għall-ħames u s-sitt talba billi m’hemm xejn fil-komunjoni x’jinqasam;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Frar 2009 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut fl-affidavit tiegħu qal li mhux qed jopponi li jkun separat minn martu iżda jixtieq biss li jkun jista’ jara lil bintu fis-sajf meta jiġi għall-btala. Għalhekk m’hemmx wisq diffikulta biex il-Qorti tiddeċiedi l-kawża ħlief għall-kwistjoni tat-tort għaliex jidher illi aktar minn ħaġa oħra kienet id-differenza fil-kulturi rispettivi li wasslet għat-tmiem taż-żwieġ, għalkemm din il-Qorti tħoss li hemm raġunijiet biżżejjed biex tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 48. Fir-rigward tal-manteniment għall-minuri u għall-attriċi l-provi huma

skarsi u għaldaqstant il-Qorti se takkorda biss manteniment għall-minuri.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi fis-sens li:**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet iżda minħabba inkompatibbilta' bejn il-partijiet;**

**2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri D lill-attriċi bid-dritt ta' aċċess għall-konvenut, liema aċċess għandu jkun wieħed b'superviżjoni u jiġi eżerċitat meta l-istess konvenut ikun Malta, kull nhar ta' Tlieta, l-Erbgħa u l-ġimgħa bejn il-4:00 p.m. u s-6:00 p.m. fil-bini ta' l-Aġenzija Appoġġ;**

**3. tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar għall-minuri biss;**

**4. tilqa' r-raba' talba;**

**5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba;**

**6. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba;**

**7. tilqa' s-seba' talba u tawtoriżża lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha, ossia E.**

**L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet, iżda l-attriċi provviżorjament għandha tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------